MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 11/1997/1

Citazzjoni numru 11/1997

Domenico Savio sive Savio u Theresa sive Tessie konjugi Spiteri personalment u s-Socjeta' GOURMET Limited

-vs-

Avukat Dr Alfred Grech u Registratur tal-Qorti Malta

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew:

1. illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ppreseduta mill-Magistrat Dr Paul Coppini, fl-atti tas-Subbasta 22/96 fl-ismijiet "Avv. Dr Alfred Grech vs Savio Spiteri" ddegretat nhar id-19 ta' Settembru 1996, li kellu jsir il-bejgh in Subbasta tal-vettura maqbuda in forza tal-

Mandat ta’ Qbid numru 578/1996 fl-ismijiet: “l-Av. Dr Alfred Grech vs Savio Spiteri” liema bejgh ghandu jsir nhar it-Tnejn 27 ta’ Jannar 1997 mid-9.00 ta’ fil-ghodu sa nofs inhar fl-edificcju tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

2. illi fl-istess Qorti, kif indikati fil-paragrafu precedenti, ordnat ix-xandir ta’ l-avviz relattiv fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gurnal iehor ta’ kuljum li lilu jmiss it-turn, kif ukoll notifika ta’ dan id-digriet, kif ukoll tad-digriet, t indikat fil-paragrafu precedenti u rikors relattiv lid-debituri u lir-rikorrenti;

3. illi l-Mandat ta’ Qbid indikat bin-numru 578/96 u fl-ismijiet: “Avv. Dr Alfred Grech vs Savio Spiteri” liema Mandat ta’ Qbid jindika li giet maqbuda l-vettura tal-marka FIAT bin-numru tar-registrazzjoni T-7826 kif jirrizulta mill-kopja tar-riferta relattiva ma’ dak l-istess Mandat u illi allegatament tali debitu ghadu ma giex saldat mill-atturi et nomine u fejn ghaldaqstant il-konvenut talab bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna l-bejgh tal-vettura maqbuda;

4. illi waqt l-esekuzzjoni tal-Mandat ta’ Qbid imsemmi, wiehed mill-atturi u cioe’ Domenico Savio sive Savio Spiteri talab lill-ufficcjal inkarigat mill-imsemmi esekuzzjoni ta’ l-imsemmi Mandat ta’ Qbid sabiex jeccepixxi n-nullita’ ta’ l-imsemmi mandat peress illi l-oggett maqbud jintuza fl-amministrazzjoni tal-Komunjoni ta’ l-Akkwisti;

5. illi wiehed mill-atturi u cioe’ Domenico Savio sive Savio Spiteri huwa wiehed mid-diretturi tas-Socjeta’ GOURMET Ltd u li fid-diversi kawzi li jinsabu pendenti quddiem il-Qrati ta’ Malta u Ghawdex agixxa fil-kwalita’ ta’ direttur ta’ l-imsemmija Socjeta’;

6. illi l-konvenut, l-Avv. Dr Alfred Grech, kien l-Avukat ta’ fiducja ta’ l-atturi et fid-diversi kawzi pendenti quddiem il-Qrati ta’ Malta u ta’ Ghawdex;

7. illi l-atturi konjugi Spiteri et ghazlu li jibdlu lill-imsemmi Avukat sabiex jippatrocinahom Avukat oltre

peress li ma kienx ghad baqghalhom fiducja fil-konvenut Avukat;

8. illi l-imsemmija atturi et talbu lill-konvenut sabiex jikkonsenjalhom l-inkartamenti u d-dokumenti kollha konnessi mad-diversi kawzi pendenti quddiem il-Qrati tal-gzejjer ta’ Malta u ta’ Ghawdex;

9. illi l-imsemmija atturi et talbu ukoll lill-konvenut sabiex ihallsuh l-onorarju konness ma’ l-imsemmija kawzi u dovut lill-istess konvenut Avukat;

10. illi l-atturi et kienu, ghadhom u jibqghu disposti li jahllsu kull onorarju dovut lill-imsemmi konvenut ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm490.44) rezi minn diversi taxxi ufficcjali maghmula u kkalkulati mir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati tal-gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna;

11. illi minkejja li saru diversi interventi u interpellazzjonijiet mill-partijiet involuti fosthom minn Domenico Savio sive Savio Spiteri, l-Avv. Dr Emy D. Bezzina, l-Av. Dr Aaron Attard Hili u l-Av. Dr Renzo Porsella Flores sabiex tigi rizolta l-kwistjoni ta’ bejn il-kontendenti, l-istess konvenut baqa’ jinsisti u jirrifjuta li jikkonsenja l-imsemmija inkartamenti u dokumenti;

12. is-suespost l-atturi et sofrew, qed isofru u ghad jistghu isofru danni fid-diversi kawzi pendenti quddiem il-Qrati ta’ Malta u ta’ Ghawdex;

13. dan kollu, l-atturi et ma kellhom ebda triq ohra ghajr li jirrikorru ghal din il-kawza odjerna;

Talbu li din l-Onorabbli Qorti taqta’, tiddeciedi u tordna:

a. illi l-Mandat ta’ Qbid numru 578/96 fl-ismijiet “Avv. Dr Alfred Grech vs Savio Spiteri” hareg abbusivament u kontra l-ligi u ghaldaqstant huwa null peress illi l-intimat mhux il-persuna idonea li kontra taghha kellu johrog il-Mandat ta’ Qbid;

b. illi l-atti tas-Subbasta numru 22/96 kif iddegretati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri nhar id-19 ta' Settembru, 1996, huma ukoll nulli stante illi dan inghata minn digriet tal-Qorti a bazi tal-mandat ta' qbid numru 578/96 li fih innifsu huwa null ghal ragunijiet li jirrizultaw fil-mori tal-kawza odjerna;

c. illi l-proceduri tal-bejgh skond kif degretat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u kif hawn indikati ghandhom jigu dikjarati nulli minhabba illi l-ghejjun kien ukoll null skond il-ligi ta' Malta;

d. illi l-konvenut ghandu jigi ddikjarat responsabbli f'dawn ic-cirkustanzi ghal kwalsiasi forma ta' danni sofferti mill-atturi et a bazi tal-premessi kif fuq indikati;

e. illi dina l-Qorti ghandha taghti kwalsiasi provvediment opportun li jidhrilha xieraq li tordna fid-dawl tat-talbiet attrici et kif hawn indiakti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi guramentata minn Domenico Savio sive Savio Spiteri, akkompanjata mil-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qrati fejn eccepixxa:

1. salvi u impregudikati l-eccezzjonijiet kollha li jistghu jinghataw dwar l-irritwalita' tac-citazzjoni, l-unika menzjoni li hemm fic-citazzjoni dwar xi ghemil ta' membri tal-Qrati fid-dipendenzi ta' l-eccipjent, hija fil-paragrafu erbgha (4) fejn jinghad li l-attur "talab lill-ufficcjal inkarigat mill-imsemmi ezekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta'qbid sabiex jecepixxi n-nullita' ta' l-imsemmi mandat peress illi l-oggett maqbud jintuza fl-amministrazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti".

2. L-attur ma jallega l-ebda irregolarita' dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ghaliex il-marixxal ma setax jaghmel dak li qallu l-attur, anzi kien l-attur li jista' jinghad li agixxa kontra l-ligi fid-dawl ta' l-artikolu 279 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

3. L-ebda wahda mit-talbiet ma hija diretta kontra tieghu jew tista' tigi sodisfatta minnu jew minn membri ta' l-istaff tieghu.

4. Ghalhekk id-domandi in kwantu jistghu jigu interpetati bhala diretti kontra ta' l-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u guramentata ukoll l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-avukat Dottor Alfred Grech fejn eccepixxa:

1. illi d-domandi ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress l-kreditu pretiz jirrapprezenta hlas professjonali ta' prestazzjonijiet gudizzjarji li l-konvenut esegwixxa fuq inkarigu tad-debitur Savio Spiteri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza ghandha l-origini taghha f'Mandat ta' Qbid mahrug mill-konvenut kontra l-attur Savio Spiteri li gie

segwit bi proceduri ghall-bejgh b'subbasta tal-oggetti maqbuda. L-atturi qeghdin f'din il-kawza jsostnu n-nullita' tal-mandat ta' qbid stante li nhareg "abbuzivament u kontra l-ligi", konsegwentement in-nullita' wkoll tal-proceduri tas-subbasta, oltre "kwalsiasi forma ta' danni" sofferti minnhom.

L-atturi esebew mac-citazzjoni minnhom ipprezentata l-bazi tal-pretensjonijiet tal-konvenut konsistenti f'drittijiet spettanti lilu ta' diversi kawzi li fihom hu kien l-Avukat tal-attur Savio Spiteri. Esebew ukoll xi korrispondenza skambjata izda qatt, lanqas tul it-trattazzjoni tal-kawza, ma esibew l-inkartamenti relattivi l-Mandat ta' qbid jew l-atti tas-subbasta li taghhom fuq kollox qeghdin jibbazaw ic-citazzjoni taghhom.

Jirrizulta pero', mit-taxxi tad-drittijiet minnhom esebiti, li l-konvenut hu effettivament dovut l-ammont minnu reklamat u kostitwenti l-kreditu minnu pretiz fil-Mandat ta' Qbid mahrug kontra l-attur Savio Spiteri, li, jirrizulta, qieghed jopponi ghalih fuq zewg fatturi: l-ewwel li l-ammont dovut (billi ma jinnegax li l-konvenut ipprestalu s-servizzi tieghu ta' Avukat) huwa debitu mhux dovut minnu personalment izda nomine; it-tieni li gie esegwit fuq oggetti appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-atturi.

Issa r-retroscena ghal dan kollu hi 'sic et simpliciter' li l-konvenut intaxxa d-drittijiet tieghu dwar bosta kawzi li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qrati fil-waqt li l-attur ingaggja s-servizzi ta' Avukat iehor biex jippatrocinah minflok il-konvenut. L-attur pero' esiga li jinghata d-dokumenti kollha fil-pussess tal-konvenut qabel ma jissalda d-drittijiet intaxxati favur il-konvenut li zamm ferm (almenu inizjalment) li ma jghaddix l-imsemmija dokumenti jekk qabel ma jithallas.

Illi hu appena sufficjenti li jinghad li r-relazzjoni bejn l-Avukat u l-klijent hu sinonimu ma' wiehed ta' mandat li kwindi ghandu jirregola r-relazzjonijiet bejniethom. Konsegwentement, jitnisslu zewg regoli fundamentali, li fil-kaz in ezami, ghandhom il-portata taghhom. Dawn huma li: - il-mandatarju ghandu jedd izomm f'idejh il-hwejjeg tal-

mandat, sakemm ma jigix imhallas ta’ dak li jkollu jiehu minhabba dak il-mandat (Artikolu 1885 Kap 16); - il-mandant ghandu jikkompensa lill-mandatarju tax-xoghol tieghu  wkoll u ‘inter alia’ meta dan il-kumpens ghandu jitqies li gie miftiehem tacitament minhabba l-professjoni tal-mandatarju (Artikolu 1881 Kap 16). Fil-kaz in specie ma jirrizultax, u lanqas setghet tirrizulta xi nullita’ ta’ forma tal-Mandat ta’ Qbid jew l-atti tas-subbasta stante li ma gewx esebiti; lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma setghet *‘stricto jure’* tintuza l-procedura tac-citazzjoni fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 283A tal-Kap 12 li jistipula li l-opposizzjoni ghal xi att esekuttiv, l-mandat ta’ qbid u t-talba ghall-bejgh, kellhom jigu impunjati permezz ta’ rikors u mhux citazzjoni.  Irrispettivament pero’ dejjem jibqa’ l-fatt li l-kreditu dovut mill-konvenut kien mhux biss legittimu izda li per se jikkostitwixxi titolu esekuttiv li kien jintitolah bid-dritt li jesigi l-pagament tieghu direttament minghand il-mandant (l-attur Savio Spiteri) u fin-nuqqas jagixxi ezekuttivament kontrih (kif ghamel).  Lanqas hu sostenibbli l-argument tal-atturi li l-esekuzzjoni kienet difettuza stante li nqabet vettura appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. L-Artikolu 1327, fis-subinciz (f), tal-Kap 16, hu car, u ma jeskludix, anzi l-kuntrarju, li djun, bhal dak li l-konvenut esiga, ikunu dejn fuq il-komunjoni. Jghid l-imsemmi artikolu li “… il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li gejjin [fosthom] … kull dejn jew indenniz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, meta dak l-indenniz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat ikun sar bir-rieda”.

Illi ghal dak li l-atturi qeghdin jippretendu bhala danni xejn ma gie pruvat. L-ewwel nett skond it-termini tac-citazzjoni d-danni gew pretizi b’konsegwenza tal-mandat ta’ qbid u l-konsegwenti atti tas-subbasta, billi allegatament nulli, liema allegazzjoni rrizultat infondata u bla bazi, kif fuq inghad; sekondarjament jekk l-atturi qeghdin isostnu, kif donnhom isostnu li l-konvenut ma ghaddilhomx d-dokumenti kollha b’hekk li sofrew danni certament mhix f’din l-azzjoni li jistghu jaghmlu dan billi ma hemm ebda ness bejn din l-allegazzjoni u l-kawzali tac-citazzjoni. Ghalhekk anka din it-talba ghad-danni mhix sostenibbli.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu t-talbiet tal-atturi jikko-involgu u huma diretti kontra r-Registratur tal-Qorti huwa tant palesi li huma insostenibbli li l-Qorti qeghdha tiddeklina li tikkumenta oltre stante li jkun perdita ta' hin li mhux behsiebha tittollera.

Ghalhekk qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tichad t-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------